- *garanzija fil-kummerċ tkun in solidum anke minn persuna li mhix fil-kummerċ*
- *Art 115 tal-Kodiċi tal-Kummerċ*
- *nullita` sanata bil-ius superveniens*

*-kawża kontra kumpannija b'amministratur proviżorju*

- *Art. 224 tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta*

MALTA

**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**

**ONOR. IMHALLEF GRAZIO MERCIECA**

Seduta tal-4 ta' Frar 2020

Citazzjoni Numru. 1016/2008

**MEDITERRANEAN FLOWER PRODUCTS LIMITED**

vs

**FLOWER POWER (SALES) LIMITED**; l-Avukat Dottor Andrew Borā Cardona bħala Amministratur Provviżorju tal-istess soċjeta` Flower Power (Sales) Limited; u Jason Sammut, Maria Sammut u Dr. Richard Sladden u P.L. Doreen Aquilina, Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Nathalie Sammut, ilkoll (salv għal Maria Sammut) bħala eredi tal-mejjet George Sammut; u b'Nota tal-10 ta' Novembru, 2008, Jason Sammut

assuma l-atti tal-kawża f'isem oħtu assenti Nathalie Sammut minflok il-Kuraturi Deputati

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fit-8 ta' Ottubru, 2008, bil-proëedura sommarja speċjali, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-kumpannija attriëi (aktar 'il quddiem imsejħa "MFP") talbet li din il-Qorti (a) tikkundanna lill-imħarrkin, jew lil min minnhom, biex iħallsuha s-somma ta' sebgħa u ħamsin elf u mija u erbgħa u tmenin euro (€ 57,184) li tirrappreżenta arretrati ta' ħlasijiet lilha dovuti sat-30 ta' Settembru, 2008, magħduda magħha l-imgħaxijiet b'seħħ mit-30 ta' Ġunju, 2008, skond kitba privata tas-6 ta' Novembru, 2002 (aktar 'il quddiem imsejħa "il-kitba"); u (b) li taqta' din il-kawża mingħajr is-smigħ, għall-finijiet tal-artikoli 167 *et seq* tal-Kodiëi tal-Organizzzazzjoni u Proċedura Ċivili. Talbet ukoll l-ispejjeż u l-imgħaxijiet legali ulterjuri;

Rat id-degriet tagħha tal-11 ta' Novembru, 2008, li bih tat lill-imħarrkin il-fakulta` li jitħallew jikkontestaw il-kawża billi jressqu Tweaġiba Maħlufa fi żmien għoxrin jum minn dakinhar;

Rat it-Tweġibiet Maħlufin tal-konvenuti;

Rat li permezz ta' sentenza tal-10 ta' Ġunju 2009 din il-Qorti, diversament ippreseduta, ċaħdet l-eċċezzjoni preliminari ta' kull wieħed u waħda mill-konvenuti li l-azzjoni ma tiswiex għaliex saret bi ksur tal-Art. 224(2) tal-Att tal-1995 dwar il-Kumpanniji għar-rigward tal-jedd tal-kumpannija attriċi li tiftaħ din il-kawża;

Rat li s-sentenza msemmija ġiet ikkonfermata permess ta' sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell mogħtija fit-30 ta' Lulju 2010;

Rat li waqt l-udjenza tas-26 t'Ottubru 2010 (fol 198), il-kawża ġiet differita għat-trattazzjoni tat-tieni eċċezzjoni preliminari tal-kumpannija Flower Power Sales Limited kif ukoll għat-tieni eċċezzjoni tal-konvenuta Nathalie Sammut;

Rat li permezz ta' provvediment fl-udjenza tal-11 ta' Jannar 2011(fol 206) il-kawża tħalliet għas-sentenza "dwar l-eċċezzjoni preliminari";

Ikkunsidrat:

Illi permezz tat-tieni eċċezzjoni tagħha, s-soċjeta` konvenuta, eċċepiet in-nullita` tar-rikors promotur minħabba li hija tinsab taħt amministrazzjoni provviżorja u ma nkiseb l-ebda kunsens mill-Qorti dwar dan skont l-Art. 224(2) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi permezz ta' provvediment tas-6 t'April 2009 din il-Qorti, fil-kawża fl-ismijiet **Avv. Henri Mizzi noe v Flower Power (Sales) Limited (Ċitazz. Nru. S953/04 RCP),** fin-nuqqas t'oppożizzjoni mill-persuni nteressati, laqgħet it-talba ta' Nicholas Sammut u tas-soċjeta` Mediterranean Flower Products Limited u awtorizzat is-smiegħ ta' dawn il-proċeduri (Rik. Nru. 1016/08JRM);

Illi skont l-imsemmi Art. 224(2), meta jkun ikun inħatar amministratur provviżorju – kif sar fil-każ tal-kumpannija konvenuta – ma jistgħux jinbdew proċeduri kontriha ħlief bil-permess tal-Qorti. Permess li ngħata sitt xhur

wara li nfteħet din il-kawża.  Għalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti, kwalunkwe irregolarita` li seta' kien hemm fil-waqt tal-preżentata tar-rikors promotur li ta' bidu għal din il-kawża, ġie ssanat, anke jekk kien jimporta n-nullita` ta' dawn il-proċeduri.  Il-liġi tipprojbixxi li jsiru proċeduri kontra soċjeta` kummerċjali li tkun taħt amministrazzjoni proviżorja mingħajr il-permess tal-Qorti sabiex tipproteġi lill-kredituri u persuni oħrajn interessati.  Ġaladarba dan il-permess ingħata, l-atti ġew sanati.  Skop tal-projbizzjoni huwa li jiġu protetti l-persuni nteressati; ġaladarba ngħata l-permess meħtieġ, huwa preżunt li dan ingħata mill-Qorti kompetenti proprju għaliex il-Qorti dehrilha li l-interessi tagħhom ma ġewx ippreġudikati.  Fin-nuqqas ta' preġudizzju bħal dan, m'hemmx raġuni l-għala dan il-proċediment għandu jitqies null jew jiġi mwaqqaf. Dan b'applikazzjoni tad-dottrini l-iktar riċenti dwar is-sanar tan-nullitajiet proċesswali.  Japplika wkoll il-prinċipju tal-*ius superveniens*: kemm-il darba kellha tintlaqa' l-eċċezzjoni tan-nullita`, l-effett ikun biss li l-attriċi terġa' tipproponi mill-ġdid l-azzjoni tagħha:  il-konvenuta ma tislet l-ebda  utilita` leġittima mill-eċċezzjoni tagħha, filwaqt li, huwa fl-interess soċjali li, skattata  l-inġerenza tal-poter ġurisdizzjonali, din il-Qorti twettaq definittavament ir-rwol tagħha li ttemm it-tilwima u ttemm ir-rapport proċesswali fi żmien raġonevoli;

Illi l-eċċipjenti kienet konvenuta fl-atti tad-digriet li awtorizza li titmexxa din il-kawża kontra tagħha u ma weġbitx għar-rikors li permezz tagħha ntalab l-istess digriet, u lanqas opponietu wara li ngħata.  Allura jitqies li hija akkwijixxiet għalih;

Illi apparti minn hekk, id-digriet *de quo*, maħruġ minn din il-Qorti stess, imqar jekk f'kawża differenti, ma jiġi jiswa għalxejn kemm-il darba l-eċċezzjoni tiġi milqgħuha; u mhijiex ħaġa sana li l-Qorti toħroġ provvedimenti li joqtlu lil

xulxin;

Illi fit-tieni eċċezzjoni tagħha, il-konvenuta eċċepiet li mhix marbuta solidalment fil-garanzija. Din l-eċċezzjoni hija waħda frivola. L-artiklu 115(1) tal-Kodiċi tal-Kummerċ jgħid ċar u tond li fl-obbligazzjonijiet kummerċjali, il-ko-debituri huma preżunti responsabbli solidalment, salv patt kuntrarju. Imbagħad l-Art 115(2) jissokta jneħħi kull dubbju billi jgħid ċar u tond li l-istess preżunzjoni testendi għall-garanti li jagħmel tajjeb għal obbligazzjoni kummerċjali, anke jekk dan ma jkunx kummerċjant;

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħdha tiċħad it-tieni eċċezzjoni tas-soċjeta` konvenuta Flower Power (Sales) Limited kif ukoll it-tieni eċċezzjoni tal-konvenuta Nathalie Sammut;

Spejjeż a kariku tal-istess konvenuti.

Tordna t-tkomplija tal-kawża.

Moqrija

**ONOR IMĦALLEF**

**GRAZIO MERCIECA**